# Kunsill Lokali Gżira

7 ta' Settembru 2021

**Ref Nru. 36/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 36/2021 li saret t-Tlieta 7 ta' Settembr 2021

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Ħames membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar u Alex Zammit, flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Jessica Borg, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Hugh Caruana

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 31 ta' Awwissu 2021

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

36.1.1 L-ittri ta' apoloġiji gew moqrija.

**36.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

36.2.2 Paġna Nru.2 para 35.2.3 – Gbir ta' l-Iskart – Il-Kunsillier N.Chetcuti ippropona li d-data sabiex jinbidlu il-ħinijiet tal-gbir ta' l-iskart tigi immexxija għal Ottubru. Da n sabiex jingħata il-ħin bizzejjed biex jiġi ipprintjat il-brochure u imqassam fil-ħin. Il-Kunsilliera qablu. B'hekk id-data il-ġdida giet deċiza għat-tnejn 4 ta' Ottubru 2021.

36.2.3 Paġna Nru.2 para 35.2.4 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Cethcuti irrimarka dwar xi ilmenti fuq l-indafa talmobile toilets. Il-Kunsill iddecida li jsiru spot check wara li jsir it-tindif mil-fornitur. Il-Kunsillier R.Mangion staqsa aġġornament fuq ix-xogħolijiet. L-Agent Segretaru Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li x-xoghol tal-plumming sar. F'dan l-istadju il-kunsill qed jistenna mid-Dipartiment tal-Cleansing sabiex jitmexxew il-meters tad-dawl u l-ilma.

36.2.4 Paġna Nru.3 para 35.3.1 – Il-Problema tal-Housing Estate – Il-Sindku semmha li hemm xi bejta ta' hornets li qed tkun ta' detriment għar-resident. Il-Kunsill iddecida li jqabbad li xi hadd sabiex titneħħa minnufih. Il-Kunsillier N. Chetcuti semmgħa problema oħra, dik tas-siġra tal-palm. Il-Kunsill iddecida li jieħu il-parir tal-ELC sabiex tiġi relokata x'imkien fejn tista tagħti beneficcju ikbar. Il-Kunsillier N. Chetcuti staqsa għal xi zvilupp rigward il-bar. Is-Sinku qal li ma kienx hemm l-ebda zvilup, biss ried isaqsi li Dr Bonello x'inhi s-sitwazzjoni presenti. L-Agent Segretaru Ezekuttiv ikkonfermat li l-Kunsill ma ircieva l-ebda talba għal permess ta' mwejjed u siggijiet barra.

36.2.5 Paġna Nru.4 para 35.3.8 – Duck Village – Il-Kunsiller N.Cethcuti staqsa fuq aggornament. L-Agent Segretaru Ezekuttiv ikkonfermat li fl-aħħar tal-gimgħa d-Duck Village kien ser jiżżarma u l-annimali kollha keinu ser jieħdu hsiebhom ta' l-Annimal Welfare.

36.2.6 Paġna Nru.4 para 35.4.2 – Dawl tal-Ġnien – Il-Kunsillier N. Chetcuti semmgħa li kien hemm problema b'pilastru tad-dawl, li kien ta' periklu. Għaldaqstant ittieħdu il-passi sabiex jintefa sakemm jitranġa.

36.2.7 Paġna Nru.4 para 35.4.2 – Il-Fustun tax-Xatt – Il-Kunsiller N.Chetcuti stqar ukoll li il-fustun ta d-dawl li hemm ix-xatt irid jinbidel mhux jitranġa. Is-Sindku qal li ma kienx stenna li dan il-fustun idum jintuża hames snien, għaldaqstant wasal -ż-żmien biex jinbidel. Il-Kunsilliera qablu kollha li għandu jinxtara wieħed ġdid.

36.2.8 Paġna Nru.4 para 35.6.2 – Il-Problema tal-Ħamiem – Il-Kunsillieri N.Chetcuti ta randikont ta' l-inizzjattiva tal-AKL rigward il-problema tal-ħamiem fil-lokalitajiet. L-Inizzjattiva ser toġi fis-seħħ mix-xahar id-dieħel, Ottubru. Il-Kunsill irid jieħu hsieb li jġib il-permessi sabiex jiġu installati s-Silos fuq il-bjut publici (Kazin tal-Banda, skola etc)

36.2.9 Il-kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 35 jiġu approvati. Il-kunsillier N. Chetcuti ssekondaħ.

**36.4 Intervent ta' Fabian Borg**

36.4.1 Servizzi ta' telefonija u ta' linternet – Fabian Borg beda jispjega li l-bidla fis-servizz saret f'Marza tas-sena 2020, fi żmien il-pandemija. Il-Kunsill ġie f'puzżizzjoni fejn sabiex jagħti is sapport tieghi lil anzjani fil-lockdown u jassisti b'inizjattiva ta' food bank, il-kunsill kellu n-necessita li jkattar is-servizz tal-telefoni prezenti. Dak iż-żmien is-servizz kien jiġi mogħti mil-Go imma dak iz-zmien ma' kellux l-infrastruttura sabiex jestendi is-servizz kif mixtieq. Go kellhom problema saħansitra sabiex jagħti is-sapport għax-xogħlijiet meħtiega. Minn naħa l-oħra il-melita offrew pakket fejn il-kunsill kien ser jifranka €250 fix-xahar. Dan kien possibli għaliex il-Kunsill kien diga kellu s-servizz ta' l-internet ma din il-kunpanija, u b'hek ingħaqad kollox flimkien, fejn il-linji ta' telefonija zdiedu għal għaxra. Id-differenza bejn il-Go u l-Melita hija li fejn mal-Go il-kunsill kien iħallas għal kull call li jaghmel, mal-Melita il-pakket huwa unlimited. Għalaq billi qal li s-sistema ta' 3CX, li tagħat il-facilita lil staff jaqdi dmirijiet anki meta ma jkunx l-uffiju, mhiex ta' pis finanzjarju fuq il-Kunsill għaliex hija applikazzjoni li ġiet installata fuq is-server tal-Kunsill.

36.4.2 Progett BELLUS – Fabian ta' redikont tal-progett BELLUS li il-kunsill qed jaħdem fuqu bħal issa. Dan il-progett qed isir b'kolloborazzjoni ma l-Universita ta' Malta u huwa inizzjattiva ta' l-ERA. Dan il-progett jittratt l-amjent fil-lokalita kif ukoll studju tas-socjata fil-komunita tal-Ġzira. Il-Fondi massimi huma ta' € 100,000, fejn il-fond jingħata fi ħlasijiet parzjali minn qabel.

36.4.3 Aġġornament fuq progetti ohra – Fabian ta' aġġornament fuq il-progetti Varcities, Go Green Routes, Just Nature u SGS Project.

**36.5 Komunikazzjoni tas-Sindku**

36.5.1 L-Applikazzjoni ta l-isvilup tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa – Is-Sinku ta' aggornament fuq l-applikazzjoni, fejn stqar li l-applikazzjoni saret fuq il-ġnien kollu, imma weħlet kemm mal-Lands Authority, kif ukoll mal-Awtorita ta' l-Ippjanar. Enfasizza li l-kunsill irid jirsisti sabiex il-permess jingħata u l-pjan tax-xogħolijiet ma jaqawx lura.

36.5.2 L-Applikazzjoni tal- Progett ta Manoel Island (MIDI) – Fuq din l-applikazzjoni, il-Board tal-PA intaqgha il-gimgha l-oħra. Minħabżewġ membri tal-kunsil huma ukoll membri tal-fondazzjoni, is-Sindku ingħata il-parir li l-Kunsill jirrikluża ruħu mil-board. Dan il-parir huwa ibbazat fuq il-fatt li l-Kunsill diġa wera l-approvazzjoni tieghu għal dan il-progett, skont il-masterplan il-ġdid. B'hekk dak kollu li ħadem għalih il-Kunsill ma jigiex mitluf. Is-Sindku fakkar li jekk dan il-permess ma jaddiex, il-MIDI ghandu permess li inħareg fl-1999 fejn il-bini jammonta 30% ta' Manoel island u mhux 10% kif propost dan l-aħħar u mitluq għal approvazzjoni fil-permess li qed jiġi diskuss bħal issa. Il-Kunsill qabel ma dan il-parir. Għaldaqstant il-Kunsill ser jipprezenta dikjarazzjoni li Board tal-PA fejn jikkonferma il-posizzjoni tal-Kunsill.

**35.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

36.6.1 Is-Sindku qal li sabiex it-tweġibiet jiġu mwieġba kif suppost u bl-informazzjoni korretta, il-minuti ser jiġu mibghutha minn qabel u tingħata skadenza sakemm jistgħu isiru tali mistoqsijiet. Il-Lista tal-pagamenti ser tinħadem bl-istess sistema.

36.6.2 Il Clinic tal-Gzira – Il-Vici Sindku R. Mangion staqsa fuq aġġornamet fuq ix-xogħolijiet tal-clinic. Is-Sindku qal li skond l-iskeda, ix-xogġlijiet għandhom jtlestew sa l-aħħar ta din is-sena.

36.6.3 Pjazza Meme Scicluna – Is-Sindku staqsa fuq il-permess tal-pjazza, fejn L-Agent Segretaru Ezekuttiv stqarret li għadha tiġri wara il-perit sabiex dan isir. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għal permess ghand tintbgħat din il-gimgħa sabiex ix-xogħlijiet ikun jistaw jinbdew f'Novembru u jitlestew max-xogħal tal-clinic.

36.6.4 Progett Triq Manoel De Vilhena – Il-Kunsill stqasa fuq aġġornament rigward dan il-progett. Is-Sindku qal li il-process ta dan il-progett miexi tajjeb, fejn la darba jiġi ikkonfermat il-paving minn naħa tal Civil Works, l-Infrustructure Malta ikunu jistaw jibdew ix-xogħolijiet.

36.6.5 Cameras għal-ufficju tal-Kunsill – Il- Vici Sindku R. Mangion staqsa dwar il-kameras li kellhom jiġu installati fl-ufficju tal-Kunsill. L-Agent Segretaru

Ezekuttiv qalet li din is-sistema ser tiġi integrata mas-server tal-kunsill u li l-Call for Quote inħarget u ingħatat skadenza sal-gimgħa 10 ta' Settembru. Is-Segretrja ikkonkludiet billi tghid li la darba issir id-delivery tal-camera, is-sistema tħi installata fi ħmistax.

**36.7 Rapporti**

36.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti

**36.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

36.8.1 Għargħar tax-Xita – Il-Kunsillier N. Chetcuti semmha li l-Kunsill ghandu jaħseb minn issa fuq prevenzjoni tal-għargħar fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li t-tindif tal-calverts irid isir b'mod immedjat. Il-Kunsill iddiskuta ukoll li għal fatt li f'certu toroq ma hemmx qlieb bizzejjed, ikun ta' għajnuna l-użu ta' pompi. Il-Kunsill ikkonkluda li sabiex isir tali progett, ghandi bzonn l-għajnua estena.

36.8.2 Tower Crane Belvedere – Is-Sindku semmgħa li ghal kemm tkellem mal-persuni koncernati, il-problema ta' ilma għadha ma issolvietx. Skont l-indikazzjoniet li kienu taw lil Kunsill, ix-xogholijiet suppost waslu fi tmiemhom. Madanakollu, is-Sindku ser jerġa jitkellem mas-sod sabiex tissolva din il-problema. Din ha titpoġġa bħala criteria f'kas li jintalab extensioni tal-permess.

36.8.3 Powerwash mid-Dipartiment tal Cleansing – Saret talba mil-Kunsill sabiex il-Cleaning jagħmel powerwash f'uħud mit-toroq tal-Gżira pero il-Kunsill ma irceviex konferma u lanqas saru. Is-Sindku semmha li fil-kuntratt tal-knies tat-toroq, dan is-servizz support inkluz. Ser jiġi iċċekjat il-kuntratt u jittieħdu passi biex ix-xogħol isir.

36.8.4 Maintenance Agreement (Cleansing Department) – Wara diskussionijiet mad-dipartiment tal-Cleansing, gie iffirmat Maintenance Agreement ma dan id-dipartiment. Waqt id-diskussionijiet issemmew xxogħlijiet partikulari li kellhom isir fil-lokalita. Il-Kunsillier N.Chetcuti li kien involut fid-diskussionijiet ser jara li dawn ix-xogħlijiet isiru.

36.8.5 Persuni emarġinati fis-Socjeta – Filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi li certu persuni huma ta' nkonvenjent għal-kumplament tar-residenti bl-għagir tagħhom, jirrikonoxxi ukoll li dawn in-nies mhumiex qed isib l-għajnuna mehtieġa. Il-Kunsillier A. Zammit semmha dwar it-trattament inġust fuq dawn in-nies li jinġabru mil-puliżija fuq rapport mir-residenti stesss jew il-kunsill innisfsu, flok jingħataw il-kura meħtieġa u jiġu trattati ta umani bħal

ħaddieħor, li huwa dritt fundamentali. Madanakollu il-Kunsill iħoss li għandha tintbgħat ittra lil kummissarju sabiex jiġi infurmat b'din il-problema.

36.8.6 Sitwazzjoni Lesa – Il-Kunsillier N.Chetcuti semmha in-nuqqas ta' kooperazzjoni li l-Kunsill qed isib mil-Lesa. Dan ikkonfermatu l-Aġent Segretarju Ezekuttiv fejn qalet li l'staff wrew dan is-sentiment.

36.8.7 Bankijiet fil-Lokalita – Il-Kunsillier N.Chetcuti semmha li hemm xi bankijiet fejn l-iskola u anki x-xatt li jew għandhom il-ħsarat jew hemm bżonn li ssir xi żeba. Dawn ix-xogħlijiet irid isiru qabel jibdew l-iskejjel.

36.8.8 I Bins – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar l-applikazzjoni għal I Bins. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv sostniet li l-Kunsill ghadu ma ingħatax risposta dwar l-applikazzjoni għal fondi, għadaqstant ser tiċċekja mar-Regjun dwarha.

36.8.9 Il-Palm tax-Xatt – Il-Kunsillier I.Buhagiar staqsa dwar it-tizbir tal-Palm, fejn il-kunsillier N.Chetcuti ikkonferma li saru dan l-aħħar.

36.8.10 President Fun Run – Il--Kunsillier N.Chetcuti qal li din is-sena il-President Fun Run ser issir fil-lokalitajiet. Hu issuggerixxa rotta u il-Kunsill qabel u ikkonferma tali rotta. Il-Fun Run ser tkun il-ħadd 14 ta' Novemberu, fejn minħabba il-miżuri tal-Covid ser tkun limitata għal mitt ruħ biss.

36.8.11 Perspex għal Front Office – L-Aġent Segretarju Ezekuttiv talbet l-approvazzjoni ta' xiri ta Perspex għal Front Office flok il-plastic. Il-Kunsill approva unanimament

36.9.12 Xiri ta' Laptop – L-Aġent Segretarju Ezekuttiv talbet lil Kunsill biex jieħu decizjoni fuq ix-xiri ta laptop. Semmiet ukoll li l-Kunsilliera J. Borg flimkien mal-Kunsiller S.Farrugia issuggerixxu li jinxtara Macbook. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment, imma ta' l-approvazzjoni tieghu sabiex jinxtara il-laptop fuq quotes li diġa kienu ġew mibgħuta lil Kunsillera b'emejl.

## 36.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

36.9.1 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament tal-Happy Parenting. Is-Sindku spjega li dan hu pagament ta korsijiet li saru il-kunsill li kienu ġew proposti u approvati f'laqgħat preċedenti.

36.9.2 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament tal Venscic, fejn is-segretarja spjegat li huwa tal-mobile toilets li inkrew tul is-sajf. Kompliet tispjega li l-kunsill prova jgib il-fondi mil-MTA imma dawn ma accettawx.

36.10.3 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament tal-bennej, fejn is-segretarja ikkonfermat li x-xogħol tal-bennej tlesta kollu, u barra dan il-pagament (li hu skont dak kwotat) ma hemmx spejjez ohra.

36.9.3 Il-Kunsillier R.Mangion ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekonda.

**36.10 Mozzjonijiet**

36.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**36.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

36.11.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 7.35pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-il-Ħamis 30 ta’ Settembru fil-5pm.

Konfermati, illum 30 ta’ Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |